**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 251/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**vs**
**Owen Vella**

**Illum 8 t'Ottubru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Owen Vella, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 270699M.

Akkuzat talli nhar nhar it-30 t'Ottubru, 2017 ghall-habta ta' 19:35 hrs u/jew xi hin qabel gewwa Triq is-Salvatur, il-Kalkara, f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Roddy Swinton Williams hekk kif iccertifika Dr. David Grech MD reg. 3585 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai temrini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Roddy Swinton Williams, kemm waqt il-mori ta' kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 11 t'Ottubru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat; fedina penali; dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali; stqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar id-29 ta' Jannar, 2018; kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' bi procedura sommarja; 2 certifikati

medici mmarkati bhala Dok CC1 u Dok CC2; okkorrenza mmarkata bhala Dok DFM1; 7 ritratti mmarkati bhala Dok OV1 sa Dok OV7.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil: Dr. David Grech; WPS 261 Donna Frendo Magro; PC 1324 Stefan Aquilina; WPC 339 Whitney Falzon Debono; WPC 366 Jessica Degiorgio; WPC 292 Rose Marie Formosa; Glen Abela; Roddy Williams; Spettur Paula Ciantar.

Semghet lill-imputat Owen Vella jixhed b'mod volontarju fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tad-Difiza.

**Dr. David Grech** ikkonferma li hareg certifikat mediku nhar it-30 t'Ottubru fil-konfront ta' Roddie Swinton Williams, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 143177A. Jikkonferma li kklassifika l-griehi bhala ta' natura gravi stante li kellu tbengil fl-irkoppa x-xellugija, fuq iz-zewg nahat tar-ras, tbengila fuq il-kappell ta' ghajnejh ix-xellugija u kellu ticrita ta' tlett (3) centimetri fuq l-ghajn ix-xellugija. Kellu girfa fuq ix-xoffa ta' that u nehfa fl-imnieher u demm miz-zewg toqod tal-imnieher. Dr. Grech irrefera l-pazjent tieghu ghal Mater Dei izda Roddy Swinton Williams irrifjuta milli jmur.

**WPS 261 Donna Frendo Magro** tghid li nhar it-30 ta' Ottubru, 2017 hija kienet xoghol second watch gewwa l-Ghassa Bormla u ghal habta tas-7:35 kienet giet infurmata li gewwa Triq is-Salvatur, Kalkara kien hemm xi argument liema argument kien jinvolvi lil Roddy Swinton William, liema persuna l-pulizija kienu qed ifittxuh stante li kien hemm omm Owen Vella, certa Nathalie li kienet imnizzla fis-sistema tal-pulizija bhala "missing person". WPS 261 Donna Frendo Magro flimkien ma WPC 339 u PC 1324 marru gewwa Triq is-Salvatur Kalkara u sabu kommossjoni. Hija gharfet lill-imputat Owen Vella li kien fuq il-post fejn Owen Vella kellu habel f'idu u ma dan il-habel kien hemm persuna mitluqa mal-art. Il-persuna li kienet mal-art kellha karnaggjon skura u x'aktar kien Roddy Williams. WPS 261 ordnat sabiex Roddy jigi mahlul mill-habel u jittiehed l-Ghassa ta' Bormla sabiex jigi evitat iktar kommossjoni. Hija kelmet lil Owen Vella fejn dan qal li kien hareg bil-kelb tieghuu hekk kif kien niezel mit-tarag tal-flat, iltaqa' ma Roddy u beda jsaqsi lil Roddy fejn kienet ommu. WPS 261 tispjega li Owen Vella infurmaha li ommu kellha relazzjoni ma Roddy. Meta Owen Vella saqsa lil Roddy fejn kienet ommu, Roddy ipprova jahrab minn fuq il-post. Ghalhekk, Owen Vella talab l-assistenza tal-girien tieghu, u fil-fatt certu Glenn Abela li kien niezel mill-flat tieghu, ghen lil Owen Vella izommu lil Roddy. Aktar tard matul il-gurnata, Nathalie nstabet u ttiehdet gewwa Mater Dei. WPS 261 tkellmet ma Roddy Swinton William u saqsietu kif garrab il-griehi li kellu f'wiccu fejn dan spjega li kien Owen Vella li qabad itih. Roddy informa lis-surgenta, li Owen Vella qatt ma ried lill-ommu tohrog ma Roddy Williams.

**PC 1324 Stefan Aquilina**, jispjega li fit-30 ta' Ottubru, 2017, ghal habta tas-7:30 p.m. huwa kien gie nfurmat li kien hemm xi glieda gewwa Triq is-Salvatur, Kalkara. PC 1324 flimkien ma WPS 261 u WPC 339 marru fuq il-post fejn sabu lit-tifel ta' Nathalie Williams li dak iz-zmien, dina kienet irrapportata bhala "missing person". Il-pulizija sabu lil Roddy William marbut minn saqajh, mal-art. PC 1324 Stefan Aquilina kien qieghed fil-karozza tas-servizz ma Roddy Swinton William. Jikkonferma li Roddie Williams dak iz-zmien kien qieghed fuq il-wanted list tal-Pulizija.

**WPC 339 Whitney Falzon Debono**, tikkonferma li fit-30 t'Ottubru, 2017 il-pulizija tal-Ghassa ta' Bormla rcevew telefonata ghal habta tas-7:30 p.m. li kien hemm argument gewwa Triq is-Salvatur, Kalkara. F'din il-glieda kien hemm hemm involut ir-ragel ta' persuna li kienet irrapportata bhala "missing person" certa Nathalie Williams. WPC 339 flimkien ma WPS 261 u PC 1324 marru fuq il-post fejn sabu lil Roddy William marbut minn saqajh mal-art li kien qed jigi mkaxkar. Dak il-hin wasslu tal-RIU li hallew lil Roddy. Roddy Williams gie arrestat u ttiehed l-Ghassa ta' Bormla u l-pulizija nnutaw li kellu certu griehi f'wiccu. WPC 339 kienet flimkien ma WPS 261 meta Owen Vella spjega li hekk kif kien hiereg bil-kelb tieghu,

inmnota lil Roddy fejn il-bieb tad-dar u fil-pront dan tal-ahhar harab jigri. Owen mar jigri warajh u ghalhekk inqalghet il-kommossjoni. Owen Vella talab l-ghajnuna tal-girien fejn dawn tawh habel sabiex jorbtu lil Roddy Williams. Tikkonferma li anke Owen Vella kellu griehi f'wiccu.

**WPC 336 Jessica Degiorgio** tispjega li hija kienet prezenti ghall-istqarrija li rrilaxxja Owen Vella kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali. Hija ma tiftakarx jekk Owen Vella kellux griehi f'wiccu.

**WPC 292 Rose Marie Formosa** tispjega li hija kienet prezenti meta l-Ispettur Christabelle Chetcuti tat id-dritt tal-assistenza tal-avukat fejn Owen Vella rrifjuta dan id-dritt. Hija ma tiftakarx jekk Owen Vella kellux griehi f'wiccu.

**Glenn Abela** jispjega li ghal habta ta' Ottubru jew Novembru tas-sena 2017 kien qieghed id-dar jilghab bil-playstation. Neza' l-headphones u sema' hafna ghajjat barra mid-dar. Meta ttawwal mill-gallarija, ra lil Owen Vella fuq Roddy William u beda jzommu u jghajjat ghall-ghajnuna. Owen Vella talab l-ghajnuna ta' Glenn Abela u meta dan tal-ahhar nizel, sab lil Owen Vella qed jipprova jorbot lil Roddy Williams b'habel. Glenn Abela jikkonferma li jaf kemm lil Owen Vella u kemm lil Roddy Williams. Jghid li dak iz-zmien jiftakar jara lil Roddy Williams bhala "wanted" fuq il-media socjali. Jikkonferma li Roddy Williams huwa r-ragel ta' omm Owen Vella, Nathalie. Jikkonferma li kien jaf li Nathalie Williams kienet "missing person" u jikkonferma wkoll li Owen Vella qabad lil Roddy u rabtu sabiex isaqsih fejn hi ommu u b'dik l-informazzjoni, il-Pulizija waslu sabiex illiberaw lil Nathalie Williams li kienet instabet go ghar.

**Spettur Paula Ciantar** tispjega li fis-27 t'Ottubru, 2017 kien sar rapport li Nathalie Williams kienet "missing". Minn tfittxijiet mill-pulizija fil-call profiles, l-Ispettur Ciantar sabet li kien hemm konnessjoni mal-ex partner ta' Nathalie, certu Roddy Williams. Ghalhekk, hija tellghet lil Roddy Williams fis-sistema tal-MPS fejn il-pulizija kollha jigu nfurmati li jekk ikollhom informazzjoni dwar fejn jista' jkun Roddy Williams, din l-informazzjoni tigi ndikata lill-Ispettur Ciantar. Fid-29 t'Ottubru, 2017 il-pulizija tellghu ritratt ta' Nathalie Williams fil-media sabiex tintalab l-ghajnuna tal-pubbliku. Fit-30 t'Ottubru, 2017, il-pulizija rnexxielha ssib lil Nathalie Williams wara l-intervent ta' binha Owen Vella. L-Ispettur Paula Ciantar tikkonferma li permezz tal-intervent ta' Owen Vella, Roddy Williams gie arrest, ittiehed gewwa r-Rinella fejn eventwalment instabet Nathalie Williams li kienet taht l-art gol-Forti Rinella. L-Ispettur Ciantar tikkonferma li ghaddejjin proceduri kriminali fil-konfront ta' Roddy Williams.

**Owen Vella** jispjega li Roddy Williams huwa l-ex ragel ta' ommu, Nathalie. Jikkonferma li sat-30 t'Ottubru, 2017, ommu kienet ilha nieqsa ghal tlett ijiem. Owen Vella ssuspetta f'Roddy Williams ghaliex gimgha qabel, Roddy Williams prova jahtaf lill-ommu minn quddiem id-dar ta' missierha, cioe' n-nannu ta' Owen Vella. In-nannu ta' Owen Vella kien sofra xi griehi hfief dak inhar. Owen Vella jispjega li ommu Nathalie kienet qed tibza' toqghod id-dar, u ghalhekk marret toqghod ma missierha. Hekk kif sar jaf b'dan Roddy Williams, prova jahtafha minn quddiem id-dar ta' missierha li jismu Charles Higgins. Owen Vella jikkonferma li hekk kif kien hiereg mid-dar sabiex jiehu l-kelb tieghu dawra, ra lil Roddy Willams u hekk kif Roddy Williams ra lil Owen Vella, dan harab jigri. Owen Vella spjega li anke meta qabad lil Roddy Williams, dan tal-ahhar beda jirrezistieh u ghalhekk beda jghajjat ghall-ghajnuna mill-girien. Fil-fatt, wiehed mill-girien waddablu habel sabiex jorbot lil Roddy Williams sakemm jigu l-pulizija. Lil Roddy Williams, Owen Vella rabtu minn saqajh. Dak il-hin, Roddy Williams beda jghid lil Owen Vella li jekk ihallieh, kien se jghidlu fejn hi ommu, izda Owen Vella rrifjuta u stenna lill-pulizija. Inoltre, jispjega li waqt li beda jzomm lil Roddy Williams, dan tal-ahhar beda jipprova jahrab u ghalhekk Owen Vella kellu juza ftit forza sabiex izommu lil Roddy Williams. Fil-fatt, Owen Vella sofra xi griehi waqt li beda jipprova jzomm lil Roddy Williams. Owen Vella pprezenta xi ritratti li kienet haditlu ohtu Raisa Vella, xi saghtejn wara li sehh dan l-incident, fejn jidhru marki tas-swaba fuq ghonq Owen Vella, kif ukoll xi griehi fil-minkeb, fid-dahar, u f'irkubbtejn Owen Vella. Dan l-incident dam bejn wiehed u iehor xi hames minuti. Stante li Owen Vella bdiet titlaqlu s-sahha, huwa talab l-assistenza tal-gar tieghu Glenn Abela, kif ukoll talab lill-

girien sabiex icemplu ghal pulizija. Owen Vella spjega li meta l-pulizija sabu lill-ommu, hija kienet fi stat kritiku hafna, fejn tilfet il-kulur mill-gilda taghha, kienet ilha ma tiekol circa tlett ijiem u meta t-tobba bdew jinvistawha u ghamlulha xi dawl f'ghajnejha, hija bdiet twerzaq ghax hasbet li kien Roddy Williams. It-tobba kienu nfurmaw lil tal-familja, li omm Owen Vella kienet instabet fl-ahhar ftit ta' hajjitha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz l-imputat kien qieghed barra fit-triq imsemmija jmexxi l-kelb tieghu, u jirrizulta li ommu Nathalie Williams kienet ilha nieqsa ghal tlett ijiem, fil-fatt il-Pulizija kienu qed ifittxu lil Roddie Williams l-eks ragel taghha peress li kien is-suspett primarju taghhom li seta' kien hu li sparixxa lil Nathalie Williams. L-imputat f'dak il-mument ra lil Roddie Williams fit-triq u zammu fizikament milli jahrab peress li prova jahrab u talab l-ghajnuna tal-girien li provdewlu habel sabiex ma jahrabx, fil-fatt ix-xhieda okulari kollha jsemmu li inqalghet kommossjoni. Fil-fatt kif waslu l-pulizija arrestaw lil Roddie Williams wara li sabuh marbut bil-hbula li gew provduti lill-imputat.

Illi t-tabib Dr. David Grech jghid li huwa ikklassifika l-griehi bhala gravi peress li Roddy Williams kellu ticrita ta' tlett centimetri fuq wiccu, madanakollu huwa ntalab sabiex imur jaghmel X-ray liema X-ray qatt ma sar. L-imputat jghid li huwa wkoll sofra xi griehi waqt it-taqbida u fil-fatt huwa ipprezenta xi ritratti, pero' ma prezentax certifikati medici biex jikkonfermaw dan. Huwa jghid li effettivament huwa kellu jaghti lil Roddy Williams xi daqqiet peress illi kien se jahrab u kien imfittex mill-Pulizija.

Madanakollu f'din il-kawza ma giex appuntat espert mediko-legali sabiex jikklassifika dawn il-griehi se mai jekk jaqghux taht l-Artikolu 218 jew l-Artikolu 216. Ghalkemm huwa minnu li l-parte leza ma xehedx f'din il-kawza ghaliex qed jaffaccja proceduri kriminali quddiem Qorti ohra, bic-certifikat tat-tabib u bix-xhieda kollha prezentati inkluz ta' l-imputat stess, li jammetti li kellu jtih daqtejn biex izommu milli jahrab sabiex jarah f'idejn il-pulizija, jirrizulta li l-imputat agredixxa lil Roddy Williams u ikkagunalu griehi ta' natura gravi skond kif certifikat mill-istess tabib Dr. David Grech, fil-fatt ghal dak li jirrigwarda dan il-Qorti sejra tikkwota, *Ir-Repubblika ta' Malta vs Louis Fenech datata 13 t'Ottubru 2005, Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri);*

> *Din il-Qorti tixtieq hawn tosserva li sabiex issir prova skond il-ligi u sal-grad li trid il-ligi ta' offiza fuq il-persuna, mhuwiex essenzjali li jkun hemm dejjem u f'kull kaz certifikat mediku jew deposizzjoni ta' tabib. Naturalment tali certifikat jew deposizzjoni jistghu jkunu mehtiega biex jigi determinat jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u/jew it-tip jew natura ta' dik l-offiza. Fi kliem iehor, tali prova tista' tirrizulta aliunde minghajr il-htiega li bil-fors jigi prodott espert mediku jew certifikat mediku f'kull kaz bhal dak in ezami.*

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta mhux inkontestat li l-imputat "arresta" lil Roddie Williams. Illi din il-Qorti tara dak li hemm fl-artikolu 355W tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaghmel referenza ghal dak li huwa msejjah *citizens arrest*. Dan l-artikolu, fl-ewwel sub-inciz tieghu, jipprovdi hekk:

> *Kulhadd ukoll jekk ma jkunx ufficjal pubbliku jista' jaghmel arrest minghajr mandat lil xi hadd li jkun fl-att li jaghmel jew li jkun ghadu kemm ghamel delitt li jolqot il-paci u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omicidju volontarju jew offiza kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dhul volontarju illegali jew hsara lill-proprjetà.*

Illi din id-dispozizzjoni tal-Ligi taghmel referenza ghad-dritt tal-persuna li jkun jista' jarresta lil xi persuna li qed jaghmel jew ghadha kif ghamlet xi delitt. Din kienet dahlet fis-sehh relattivament ricenti. Illi fil-fatt qabel l-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi ma kien hemm xejn ghal kazijiet meta l-privat seta' jarresta lil xi hadd. Illi dwar dan kien ikkummenta l-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu fejn qal:

> *"In the second place it will be noticed that section 85 (illum 86) saves from its own operation the cases in which the law authorises private individuals to arrest offenders. The question naturally arises: which are these cases? Article 106 of the French Code of Procedure specified such cases in express terms by laying down that, not only the members of the police force, but also any and every other person was bound to arrest any offender caught in the act or followed by the hue and cry, in order to take him before the competent authority, without the necessity of any grave punishments. Our laws of procedure contain no such formal and express provision."*

Illi l-legislatur provda ghal dan in-nuqqas billi dahhal fil-Ligi l-artikolu 355W tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz il-Ligi qieghda taghti s-setgha lil persuna li jarresta lil xi hadd li jkun ghadu kemm wettaq u qieghda taghmel delitt. Illi hareg b'mod car li l-*parte leza* kienet qieghda tigi mfittxija mill-Pulizja minhabba ghibien tal-omm l-imputat. Illi l-imputat kien stqarr li kien ilu ma' jara l-ommu ghal kwazi tlett ijiem u hadd ma kien jaf fejn marret jew fejn spiccat. Kien biss il-*parti civile* li seta' jaghti xi hjiel minhabba li hu kien ir-ragel ta' omm l-imputat. Illi minhabba li kien hemm diga' episodju meta l-parte civile prova jahtaf lill-omm l-imputat, is-suspett kien waqa' fuq il-*parte civile* u ghalhekk kien qieghed jigi mfittex mill-Pulizija. Illi kien minhabba f'hekk li l-imputat meta ra lill-*parte civile* mar jipprova jwaqqfu halli jaghtih informazzjoni fuq ommu. Illi kien ghalhekk li din eskalat is-sitwazzjoni, minhabba l-fatt li l-*parte civile p*rova jahrab. Illi bil-konsegwenza tal-fatt li l-imputat baqa' jzomm lil *parte civile* li kellha tintuza l-forza. Illi bis-sahha ta' girien rnexxielu jorbtu b'habel sakemm gew il-Pulizija. Illi ghalhekk hawn l-imputat ezercita d-dritt tac-cittadin li jarresta hu, minflok il-pulizija, persuna li tkun qed taghmel jew tkun ghada kif ghamlet delitt huwa intiz biex jassigura li persuna li tkun allegatament wettqet delitt tkun tista' tigi konsenjata lill-awtoritajiet kompetenti biex tigi investigata skont il-Ligi. Illi f'dan il-kaz il-Pulizija gew wara li l-imputat kien zamm lill-*parte civile* milli jahrab minn fuq il-post. Illi fin-nuqqas ta' dan l-arrest da parti tal-privat, il-persuna li wettqet dak id-delitt kien sejjer jirnexxiela tahrab il-process tal-investigazzjoni u l-process gudizjarju li jista' jsegwi. Illi fil-fatt wara l-arrest tal-*parte civile* mill-Awtoritajiet kompetenti, hadhom fejn kienet giet mitfugha omm l-imputat. Illi fil-fatt jekk ma kienx ikun dak li gara u ghamel l-istess imputat, l-istess ommu kienet tigi misjuba mejta tant li minn dak li qalet l-istess Spettur Paula Ciantar, li meta nstabet omm l-imputat kienet kwazi waslet fl-ahhar li tmut.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-interpretezzjoni u l-applikazzjoni tal-artikolu 355W tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tiehu in konsiderazzjoni u taghti certu piz, li l-arrest jikkostitwixxi deprivazzjoni ta' liberta, dik il-liberta li hija wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Illi tenut kont ta' dan, fil-fehma tal-Qorti, il-kliem "jkun ghadu kemm ghamel delitt ..." f'l-artikolu 355W ghandhom jigu interpretati fis-sens li l-persuna koncernata ghandha tigi arrestata immedjatament wara l-eghmil tad-delitt. Illi, u fil-kaz in ezami, il-*parte civile* kienet qieghda tigi mfittxija mill-Pulizija in konnessjoni mal-ghibien ta' omm l-imputat. Illi fil-fatt kien ghal dan l-arrest li wassal sabiex tinstab omm l-imputat ghalkemm f'kundizzjoni tant hazina li setghet mietet kieku kien hemm dewmien aktar. Fil-fehma tal-Qorti kemm it-trapass taz-zmien li ghadda minn meta omm l-imputat hadd ma' kien jaf x'sar minnha u s-suspett li l-*parte civile* seta' kien involut, allura l-arrest tieghu kien wiehed skont il-Ligi. Illi l-fatt li l-imputat kellu juza aktar forza sabiex izommu milli jahrab, kien wassal sabiex il-*parte civile* wegga' b'mod gravi, ghalkemm huwa ma kienx xehed f'dawn il-proceduri. Illi tenut kont tal-fatt li l-*parte civile* kien allegatament involut f'delitt serju kontra omm l-imputat, iz-zamma milli jahrab u bil-konsegwenza li kellha tintuza aktar forza huwa gustifikat fis-sitwazzjoni fejn kellek persuni li kellha ftit zmien li tibqa' hajja minhabba fejn instabet.

**Ikkunsidrat:**

Kwantu jirrigwarda dan ir-reat per se, l-Qorti tirrealizza li l-imputat kien jaf li l-parte leza kien suspettat primarju tal-pulizija ghan-nuqqas ta' ommu li f'dik ic-cirkostanza dak il-hin kien ilha nieqsa ghal tlett ijiem u hadd ma kien jaf fejn hi sakemm effettivament gie arrestat Roddy Williams grazzi ghall-imputat talli malli rah zammu u rabtu. Li kieku ma kienx l-imputat jista' jaghti l-kaz li Roddy Williams ma kienx jinstab b'konsegwenzi aktar gravi ghal ommu Nathalie Williams li sussegwentement instabet mill-Pulizija f'kundizzjonijiet gravi.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-imputazzjoni u l-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat **Owen Vella** hati ta' l-akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu, u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**